

Brussell, 31 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6598/21

SOC 104
EMPL 70
SAN 94

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol Fatra tas-Sur Clemens ROSENMAJR, membru għall-Awstrija, minflok is-Sa Christa SCHWENG, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Christa SCHWENG, bħala membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem (għall-Awstrija).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94, membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat lill-kandidat li ġej għal dan il-post għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

Is-Sur Clemens ROSENMAYR
Wirtschaftskammer Österreich, EU Representation
Avenue de Cortenbergh 30
1040 Brüssel, Belgien
T: +32 2 286 58 80
Indirizz elettroniku: clemens.rosenmayr@wko.at

4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), kif tinsab fid-dokument ST 6598/21;

kif ukoll

- (b) jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru tal-

Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019², tas-6 ta' Ġunju 2019³ u tat-8 ta' Lulju 2019⁴ il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Christa SCHWENG, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem.
- (3) L-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat kandidat għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.

² ĠU C 135, 11.4.2019, p. 7.

³ ĠU C 195, 11.6.2019, p. 4.

⁴ ĠU C 232, 10.7.2019, p. 4.

Artikolu 1

Is-Sur Clemens ROSENMAJR huwa b'dan maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Christa SCHWENG, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President

=====